Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru:- 682/2014AE

**Marsa Steel Company Limited**

**Vs**

**Jesmond Chetcuti**

L-Erbgha, 20 ta' Jannar 2016.

Il-konvenut appella[1] minn sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tat-13 ta' Lulju 2015 li biha gie kkundannat ihallas is-somma ta' elf u hamsa u tmenin ewro u tlieta u disghajn centezmu (€1,085.93) hlas ghall-uzu ta' scaffolding gewwa tas-Sliema. L-aggravji huma li:-

1. It-Tribunal ikkundanna lill-konvenut ihallas iktar minn dak li talbet is-socjeta attrici in kwantu s-somma li gie kkundannat ihallas hi ta' €2,206.60.
2. It-Tribunal ghamel apprezzament hazing tal-provi. Fil-fatt it-Tribunal ghazel l-ehfef triq billi argument li kien jezisti kunflitt ta' provi bejn il-verzjonijiet pero' kkonkluda li l-verzjoni tal-attrici kienet iktar konsistenti.
3. L-attrici harget fattura bi prezzijiet li qatt ma kienu gew diskussi bejn il-partijiet. Il-ftehim kien li s-socjeta attrici tarma zewg suspended scaffoldings bi prezz ta' €1,500. Effettivament armat wiehed, filwaqt li f'post iehor armat scaffolding fl-ewwel sular biss.

L-attrici wiegbet li:-

i. effettivament b'digriet tas-27 ta' Lulju 2015, it-Tribunal ordna korrezzjoni tas-sentenza fis-sens li l-ammont li l-konvenut gie kkundannat ihallas kien ta' €1,085.93.
ii. m'hemmx raguni biex jigi disturbat l-apprezzament tal-fatti li ghamel it-Tribunal.
iii. l-ammont mitlub gie spjegat u hu gustifikat.

Il-qorti rat l-atti u semghet it-trattazzjoni.

1. Fir-rigward tal-ewwel aggravju, effettivament jirrizulta li wara s-sentenza tat-13 ta' Lulju 2015, kienet saret talba lit-Tribunal sabiex jikkoregi liz-zball.

[1] Rikors prezentat fis-27 ta' Lulju 2016.

B'digriet tas-27 ta' Lulju 2015 it-Tribunal laqa' t-talba. Ghalhekk l-ewwel aggravju hu llum ezawrit.

2. F'dan il-kaz l-ammont ta' hlas mitlub kien ta' €1,085.93. Skond l-Artikolu 8 tal-Att dwar it-Tribunal ghal Talbiet Zghar, hemm dritt ta' appell fil-kazijiet kollha, *"…. fejn l-ammont in kwistjoni kalkolat skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 3(2),* ***jaqbez elf u mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69)****"*. Fil-kazijiet fejn l-ammont in kwistjoni ma jaqbizx is-somma ta' €1,164.69, dritt ta' appell hu moghti biss fil-kazijiet li jissemmew f'subinciz 2 tal-Artikolu 8. Dawn huma regoli ta' ordni pubblika u ghalhekk ghandhom jigu sollevati mill-qorti *ex officio*.

3. L-ammont in kwistjoni kien €1,085.93. It-tieni u tielet aggravji tal-konvenut jitrattaw kwistjonijiet dwar il-provi, in kwantu:-

   (a) Fit-tieni aggravju l-konvenut qal li *"…. Jirrelata mal-fatt illi t-Tribunal ghamel apprezzament hazin tal-provi illi gew mressqa quddiemu, illi fil-fatt it-Tribunal ghazel l-ehfef triq fejn stqarr li jezisti kunflitt ta' provi bejn il-verzjonijiet tal-partijiet izda hass illi l-verzjoni moghtija mis-socjeta attrici kienet iktar konsistenti. Illi jidher car mis-sentenza illi t-Tribunal naqas milli jaghmel analizi akkurat tal-provi prodotti u peress illi minn tali ezercizzju jirrizulta illi hija l-verzjoni moghtija mill-appellanti li hija l-iktar wahda akkurata u konsistenti u mhux dik tas-socjeta appellata"*. Ghalhekk l-appellant qieghed jistieden lil din il-qorti li temmen il-verzjoni tieghu ghaliex hi l-iktar kredibbli. Ezercizzju li ma jistax isir peress li m'huwiex wiehed mill-kazijiet kontemplati fl-Artikolu 8(2) tal-Kap. 380.

   (b) Fit-tielet aggravju l-konvenut jilmenta li l-ammont mitlub fih inkluz prezzijiet li qatt ma sar ftehim dwarhom.

4. Fis-sentenza, il-konkluzjoni tat-Tribunal kienet:

   *"It-Tribunal wara li ra l-atti kollha tal-kawza u semgha z-zewg verzjonijiet ihoss illi l-ispjegazzjoni li nghatat mis-Socjeta attrici hija aktar konsistenti. Illi l-konvenut seta' dejjem ighid lis-socjeta attrici biex izzarma l-iscaffolding pero' baqa' juzah u nqeda. Ghalhekk it-Tribunal ihoss illi t-talba hija sufficjentement ippruvata"* (fol. 50).

   Fil-kaz in ezami appell seta' jsir (Artikolu 8(2) tal-Kap. 380):-

   (a) fuq kull hagga li jkollha x'taqsam mal-gurisdizzjoni tat-Tribunal;

   (b) fuq kull kwistjoni ta' preskrizzjoni;

(c) fuq kull nuqqas ta' tharis tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 7(2);

(d) meta t-Tribunal ikun b'mod gravi mar kontra d-dettami tal-imparzjalita u tal-ekwita skond il-ligi u dik l-azzjoni tkun ippregudikat il-jeddijiet ta' min jappella.

M'hemmx dubju li l-appell tal-appellant m'huwiex bazat fuq il-paragrafi (a) sa (c). Fir-rigward ta' paragrafu (d) din il-qorti[2] fil-kawza **Oscar Gatt vs Silvio Brincat** deciza fit-12 ta' Jannar 2001, fir-rigward tal-Artikolu 8(2)(d) tal-Kap. 380 qalet:-

*"Issa mill-aggravju lilha sottomess mill-appellant, din il-Qorti ma tara xejn li jista' jinduciha biex tikkonkludi li t-Tribunal kien agixxa b'mod gravi kontra d-dettami ta' l-imparzjalita' u ta' ekwita'. Indubbjament bl-ebda mod ma seta' jkun hemm accenn ta' rifless fuq l-imparzjalita' tat-Tribunal. Infatti fl-ebda mument ma gie accennat li t-Tribunal ma mexiex b'mod xieraq u gust fil-kondotta tal-proceduri. Il-fatt illi fid-deliberazzjoni tieghu, anke kif redatti fil-konsiderazzjonijiet tad-decizjoni appellata, it-Tribunal ghazel li jadotta bhala aktar kredibbli u attendibbli l-verzjoni li ta l-konvenut ta' kif sehh l-incident, bl-ebda mod ma jfisser li t-Tribunal kien agixxa b'mod parzjali bi pregudizzju ta' l-attur appellant. Ifisser biss li fl-apprezzament tieghu tal-provi prodotti, it-Tribunal ikkonvinca ruhu li l-verzjoni ta' kif sehh l-incident, moghtija mill-attur u mill-provi tieghu, ma kienetx tissodisfa dak il-minimu mehtieg biex it-Tribunal jaccetta bhala provati l-premessi ghat-talba tieghu.*

*In tema ta' ekwita', din il-Qorti ma tarax kif jista' l-appellant jadduci din ir-raguni bhala motiv biex jinficja d-decizjoni appellata. It-Tribunal infatti m'ghamel l-ebda ezercizzju ta' ekwita' u d-decizjoni tieghu kienet bazata unikament fuq konsiderazzjonjiet fattwali kif johorgu mill-provi tal-kontendenti. L-Appell hu ghalhekk improponibbli u l-eccezzjoni ta' l-appellat f'dan ir-rigward tirrizulta ghal kollox sostnuta".*

Imbaghad fis-sentenza **Rita Bihiga vs Adrian Busuttil** deciza minn din il-qorti[3] fl-1 ta' Novembru 2006, inghad:

*"Bil-konoxxenza shiha tal-fatti, gudizzju bhal dan, li fih ma gie espress ebda kuncett ta' ekwita` imma mera evalwazzjoni diskrezzjonali tal-fatti, ma huwiex sindakabbli minn din il-Qorti skond il-parametri stretti tal- Kapitolu 380 ghad-dritt ta' l-appell quddiemha. Ara "**John Attard -vs- Charles Agius**", Appell, 14 ta' Gunju 2001".*

Konsiderazzjonijiet li japplikaw ghall-appell in ezami.

[2] Imhallef J. Said Pullicino.
[3] Imhallef P. Sciberras.

**Ghal dawn il-motivi tiddikjara li l-appell hu null bl-ispejjez kontra l-appellant**.

Anthony Ellul.